L.N. 42 of 1997

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1997 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tnaqqis) (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 25 u ta' l-artikoli 28 u 61 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru ta' l-Ekonomija u l-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu ir-Regolamenti ta' l-1997 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tnaqqis) (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tnaqqis), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 101 ta' l-1994.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' April, 1997.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) minnufih wara l-partita (vii) tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu (1) tiegħu, għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:

A.L. 39 ta' l-1997.

"(viii) xorb kif speċifikat fir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-1997 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Akkommodazzjoni u Xorb f'Fondi Liċenzjati għal Akkommodazzjoni Turistika);"; u

(b) minflok il-paragrafu introduttorju tal-paragrafu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Id-dispożizzjonijiet tal-partiti (i) sa (vii) tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw għal:".

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – *Published by the Department of Information – 3, Castille Place*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 1c – *Price 1c*